**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Dicembru 2017**

**Talba Nru: 911/15 CZ**

**Lorenz Limited (C-61862)**

**vs.**

**Maria Addolorata Di Pasquale u Giovanni Ginesci**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-27 ta' Novembru 2015 li permezz taghha ppremettiet:

Illi s-socjeta’ rikorrenti bieghet u kkonsenjat lill-intimati merkanzija ghal uzu taghhom f’restaurant u dawn gew accettati mill-intimati skond l-annessi invoices/fatturi mmarkati bhala Dok. A, Dok. B, u Dok. C, ghall-valur ta’ sitt mija u sbatax-il Euro u sitta u erbghi centezmu (€617.46).

Illi l-intimati sal-lum ma hallsux lis-socjeta’ rikorrenti din is-somma dovuta u dan minkejja diversi tentattivi bil-miktub.

Ghalhekk is-socjeta’ rikorrenti titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jordna lill-intimati ihallsu lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ sitt mija u sbatax-il Euro u sitta u erbghi centezmu (€617.46) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilhom, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta’ kull fattura.

Illi permezz ta’ risposta prezentata fis-6 ta’ Lulju 2016, il-konvenuti eccepew:

Illi l-esponenti jiddikjaraw li nhar l-1 ta’ Marzu tas-sena 2014, kien sar ftehim mas-socjeta’ attrici, liema ftehim kellu perjodu operattiv ta’ sena, liema perjodu ggedded awtomatikament ghal perjodu ulterjuri ta’ sena, kopja ta’ liema ftehim qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok ‘A’.

Illi dan il-ftehim, apparti ix-xiri tal-kafe inkwistjoni kien jinkwadra wkoll is-self tat-tabella u tal-magni tal-kafe u dan purament sabiex dawn il-magni jintuzaw biex ikun jista’ jinbiegh il-kafe mill-istabbiliment tal-esponenti.

Illi fiz-zmien operattiv tal-ftehim succitat, nhar l-1 ta’ Gunju tas-sena 2015, is-socjeta’ attrici minghajr pre-avviz u minghajr ebda forma ta’ dritt legali moghti lilha mill-iskrittura citata, gabret il-magna tal-Kafe in kwistjoni u talbet il-hlas tal-kafe’ li kien hemm pendenti.

Illi l-esponenti infurmaw lis-socjeta' attrici li huma ma kellhomx pagamenti b'lura, l-unika kont pendenti li kien hemm, kien dak ta' tmienja u hamsin Euro u hdax-il centezmu (€58.11), li kien jikkonsisti fil-kafe uzat mill-ahhar konsenja, li kienet saret nhar it-22 ta' Mejju tas-sena 2015, liema ammont kien ser jithallas mal-konsenja li kien imiss kif kien konswetudini li jsir bejn il-partijiet. Barra minn hekk, is-socjeta' attrici giet infurmata ukoll li f'kaz li hija tiehu l-magna tal-kafe, l-esponenti ma setghux ikomplu jbieghu dan il-kafe' mill-istabbiliment taghhom. Ta' dan kollu gie mhejji rapport mal-Pulizija Ezekuttiva li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok'B'.

Illi nonostanti dan kollu, is-socjeta attrici, xorta wahda hadet il-magna tal-kafe' succitata, b'konsegwenza cara li l-esponenti ma setghux ikomplu jbieghu il-kafe tas-socjeta' attrici minn gewwa l-istabbiliment taghhom.

Illi sussegwentement, l-esponenti nterpellaw lis-socjeta' attrici sabiex tiehu lura l-ammont ta' kafe' li kien gie mghoti lilhom u li ma setghax aktar jintuza, flimkien mat-tabella tas-socjeta' attrici, magna tal-kafe' zghira li giet moghtija lill-esponenti sabiex tintuza fir-residenza privata taghhom u l-ammont ta' €58.11 li jikkonsisti fil-kafe' uzat. Fil-fatt, is-socjeta' attrici giet anki interpellata permezz ta' ittra ufficcjali, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'C'.

Illi nonostanti din l-interpellazzjoni da parti tal-esponenti, is-socjeta' attrici naqset milli tiehu l-azzjoni rikjesta minnha u konsegwnetement kienet hi li naqset milli tigbor l-affarijiet spettanti lilha.

Illi anki wara din l-ittra ufficjali, Raffaele Ugliano, id-direttur tas-socjeta' attrici beda jinsulenta u jivvessa lill-esponent Giovanni Ginesci fejn f'kaz partikolari dan tant kemm instiga biza' fl-esponenti li kienet ser tintuza vjolenza kontra tieghu li l-istess esponenti kellu jigi rikoverat gewwa l-Isptar Mater Dei ibati minn problemi tal-qalb. Rapport ta' dan l-incident qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok 'D'.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jichdu l-pretenzjonijiet kollha mressqa kontrihom bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u sussegwentement jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess Socjeta' attrici.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra l-affidavit ta' l-attur (fol. 42) u d-dokumenti esebiti minnu, l-affidavit tal-konvenut (fol. 49), il-kontro-ezami ta' l-attur (fol. 56), ix-xiehda ta' Jonathan Ferris (fol. 59), PS 1157 Bertly Aquilina (fol. 61), ix-xiehda ta' l-attur (fol. 63 et seq).

Sema' s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed titlob hlas ta' sitt mija u sbatax-il Euro u sitta u erbghin centezmu (€617.46) ghal bejgh u konsenja ta' merkanzija favur il-konvenuti. Is-socjeta' attrici fil-verita' qed titlob tliet tipi ta' hlasijiet u cioe' 1) ghall-kafe' u l-inbid 2) ghal tabella li kienet twahhlet fuq barra tal-hanut in kwestjoni 3) ghal magna tal-kafe' zghira.

Il-konvenut, min-naha taghhom, isostnu li m'ghandhomx hlasijiet x'jaghtu lis-socjeta' attrici hlief ghal tmienja u hamsin Euro u hdax-il centezmu (€58.11) ghal kafe' uzat u mhux imhallas, apparti li lesti li jirritornaw ammont ta' kafe' mhux uzat, tabella, u magna zghira tal-kafe'.

Illi rrizulta li bejn il-parijiet kien hemm kuntratt, dak misjub a fol. 26 tal-process, li permezz tieghu is-socjeta' attrici kienet ikkoncediet lill-konvenuti l-uzu ta' magna tal-kafe' kbira, grinder, u tabella. Skond dan il-ftehim, il-konvenuti kellhom jixtru esklussivament minghand is-socjeta' attrici il-merkanzija ta' kafe' u oggetti ohra relatati, u jhallsu, skond artikolu 2 tal-kuntratt, mal-konsenja ta' l-istess.

Illi gara izda li qam diverbju bejn il-partjiet, u dan wara li Raffaele Ugliano, direttur tas-socjeta' attrici, sema' ghajdut li l-konventi kienu ha jaghlqu l-hanut taghhom. F'dan il-punt, Ugliano ddecieda li jmur jirtira l-oggetti li kien fada lill-konvenuti, u dan ghaliex sostna li ma kinux hallsuh ghall-fattura precedenti.

Illi fl-1 ta' Gunju 2015, f'atmosfera kemmxen agitata, li minhabba fiha kellhom anke jissejjhu l-Pulizija, Raffaele Ugliano mar jigbor il-magna tal-kafe' minghand il-konvenuti. Wara xi hin, il-konvenut iddecieda li ma ried ikollu x'jaqsam xejn aktar ma' Ugliano, u ppermetta lil dan ta' l-ahhar li jigbor lura l-magna tal-kafe' in kwestjoni.

Illi l-konvenuti sostnew illi huma riedu jhallsu tmienja u hamsin Euro u hdax-il centezmu (€58.11), filwaqt li jirritornaw il-kafe' mhux uzat, apparti li jirritornaw ukoll it-tabella, skond kif deher anke f'ittra ufficcjali li baghtu, esebita a fol. 30 tal-process (ghalkemm din l-ittra saret meta diga' kienet inbdiet il-kawza). Dan Ugliano ma accettahx. Zviluppat ghalhekk sitwazzjoni fejn dwar il-merkanzija kien hemm nuqqas ta' qbil dwar x'kellu jithallas, u dwar it-tabella kien hemm il-konvenuti minn naha li riedu jirritornawha, u Ugliano kien qed jirrifjuta.

Illi dwar it-tabella, it-Tribunal jinnota illi din ma giet bl-ebda depozitata taht l-awtorita' tal-Qorti, kif kellu altrimenti jsir jekk verament il-konvenuti riedu jezimu rwiehhom mir-responsabbilta' taghha. Min-naha l-ohra, il-konvenuti sostnew illi l-kawza giet intavolata

ghall-prezz ta' bejgh ta' merkanzija, u allura la din it-tabella ma kinitx inbieghet bhala merkanzija, izda koncessa biss ghall-uzu, ma setghetx tirrentra fil-kawzali wahdanija promossa mis-socjeta' attrici.

Illi izda d-dicitura uzata fl-avviz promotur, bid-dokumenti annessi mieghu, ghamluha cara bizzejjed illi s-socjeta' attrici kienet qed titlob ukoll il-hlas ghal din it-tabella. Kif inhu risaput, il-kawzali tista' tkun indotta mid-domanda, u partikolarment anke mid-dokumenti li jakkompanjaw id-domanda. Gie stabbilit fis-sentenza *Nicholas Cini noe. vs. Mario Agius*[1] illi:

> Il-kawzali tista' tkun indotta mid-domanda u sahansitra jekk ma tkunx cara bizzejjed fic-citazzjoni bizzejjed tkun spegata fid-dikjarazzjoni relattiva.

Intqal ukoll fis-sentenza *Mary Rose Gauci vs. Michael Camilleri et*[2]:

> Illi huwa wkoll mizmum bhala principju generali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proceduri[3] . Normalment, b'dan wiehed jifhem li dak li kellu f'mohhu min ikun fetah ilkawza jkun irid jirrizulta mill-att tac-citazzjoni innifsu u mhux minn provi li jitressqu izjed 'il quddiem fil-kawza[4], u ghalkemm id-dikjarazzjoni mahlufa hija mehtiega ad validitatem biex ic-citazzjoni tkun tiswa, dak li jinghad fl-istess dikjarazzjoni ma jiswa qatt biex jirrimedja dak li jista' jkun nuqqas fl-Att tac-citazzjoni[5], ghalkemm jista' jitfa' dawl fuq il-kawzali u jiccaraha[6]. B'dan ilmod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet

---

[1] Qorti ta' l-Appell Kummercjali -14 ta' Mejju 1990
[2] Prim'Awla tal-Qorti Civili – 30 ta' Gunju 2014, per. Onor. Imhallef Mark Chetcuti
[3] App. Civ.: 7.3.1958 fil-kawza fl-ismijiet J. Tabone vs J. DeFlavia (Kollez. Vol: XLII.i.87)
[4] App. Civ. 30.3.1998 fil-kawza fl-ismijiet Raymond Bezzina vs Anthony Galea
[5] Ara P.A. 6.3.1958 fil-kawza fl-ismijiet Zahra vs Zahra et (Kollez. Vol: XLII.ii.948)
[6] App. Civ. 23.4.1945 fil-kawza fl-ismijiet Savona noe vs Asphar (Kollez. Vol: XXXII.i.228); u P.A. 6.6.1957 fil-kawza fl-ismijiet Demarco vs Fiteni (Kollez. Vol: XLI.ii.1035)

il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura l-procedura tkun tista' tigi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eccezzjonijiet[7];

Illi t-Tribunal jifhem illi s-sentenzi citati jittrattaw kazijiet fejn kien hemm eccezzjoni ta' nullita' tal-proceduri minhabba li kien hemm nieqes xi wiehed mir-rekwiziti tat-talba fosthom il-kawzali[8], u jekk wiehed jislet analogija bejn dak appena premess u dak lamentat mill-konvenuti dwar il-kawzali, jista' pacifikament jinghad illi l-gurisprudenza qieghda ghalhekk tahseb biex issalva l-azzjoni promotrici fejn din tkun salvabbli, anke fejn si tratta ta' rikors guramentat fi qrati superjuri.  Dan ghandu japplika bl-istess mod ghal talba quddiem dan it-Tribunal, u ghalhekk it-Tribunal ma jarax li t-talba tas-socjeta' attrici dwar it-tabella m'ghandhiex tigi wkoll kunsidrata bhala parti mill-mertu, u fil-fatt it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici dwar din it-tabella.

Dwar il-merkanzija, il-kovnenuti baqghu ma gabu l-ebda raguni plawsibbli ghalfejn il-fattura a fol. 4 tal-process m'ghandhiex tithallas.  Il-kafe' fil-fatt inbiegh u gie konsenjat. Il-konvenuti m'ghandhomx l-ghazla li jirritornaw dan il-kafe' kif qed jippretendu huma, gialadarba kien tajjeb ghall-uzu u m'ghamlu l-ebda azzjoni relatata ma' xi difett fih. Lanqas ma gie ppruvat b'xi mod illi l-ftehim bejn il-partijiet kien illi l-hlas ma jsirx mal-konsenja.  Ghall-kuntrarju, il-ftehim esebit mill-konvenuti stess, jindika l-kuntrarju. Ghalhekk l-ammont relattiv ghall-merkanzija ghandu wkoll jithallas fis-shih.

Illi jibqa' f'dan il-punt il-kwistjoni tal-magna zghira tal-kafe', li wara li nqalghet din il-kwistjoni s-socjeta' attrici harget invoice separata ghaliha tant li l-invoice relattiva a fol. 2 hija datata 3 ta' Lulju 2015.  Dwar din, il-konvenuti jsostnu li kienet rigal mis-socjeta' attrici lill-konvenuta.  Dan skond kif jixhed il-konvenut innifsu.  Irrizulta lit-Tribunal fil-fatt illi ghal din, is-socjeta' attrici qatt ma kienet harget l-ebda invoice qabel ma qamet il-

[7] P.A.: 24.6.1961 fil-kawza fl-ismijiet Falzon vs Spiteri et (Kollez. Vol: XLVIII.ii)
[8] L-ebda eccezzjoni ta' nullita' ma giet sollevata fil-proceduri odjerni.

kwistjoni bejn il-partijiet, u ghaldaqstant, it-Tribunal jiddikjara li hija aktar verosimili l-verzjoni tal-konvenuti li fil-fatt din kienet rigal. Dwar din il-magna, ghalhekk, it-Tribunal se jichad it-talba tas-socjeta’ attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa’ parzjalment l-eccezzjonijet tal-konvenuti, jilqa’ limitatament it-talbiet tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u sebgha u disghin Euro u sitta u erbghin centezmu (€497.46), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez tal-kawza jithallsu in kwantu ghal tliet kwarti (¾) mill-konvenuti, u kwart (¼) mis-socjeta’ attrici.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu’

Deputat Registratur